# ĠIMGĦA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA FOST L-INSARA



***(18-25 ta' Jannar)***

*"Ressaqhom lejn xulxin biex jingħaqdu ħaġa waħda f'idejk" (Eżek 37,17)*

« Is-suġġett għall-ġimgħa ta' talb għal din is-sena hu mibni fuq it-tieni dehra ta' Eżekjel li titkellem minn biċċtejn injam mifruda, li jissimboleġġjaw iż-żewġ saltniet ta' Iżrael li kienu nfirdu minn xulxin. L-ismijiet tat-tnax-il tribu' huma miktuba fuq il-biċċiet tal-injam, li mbagħad jerġgħu jsiru ħaġa waħda bil-qawwa ta' Eżekjel (Eżek 37: 15-23).

Skond Eżekjel, il-firda tal-poplu kienet tirrifletti u kienet konsegwenza ta' id-dnub u l-fatt li kienu tbiegħdu minn Alla. **Huma jistgħu jerġgħu jsiru poplu wieħed billi jiċħdu d-dnubiet tagħhom, jagħmlu mixja ta' konverżjoni, u jerġgħu lura mill-ġdid lejn Alla.** Imma fl-aħħar mill-aħħar hu Alla li jgħaqqad il-poplu tiegħu billi jippurifikah, iġeddu u jeħilsu minn kull firda. **Għal Eżekjel din l-għaqda ma tfissirx biss tgħaqqad gruppi li qabel kienu mifruda; hi fuq kollox ħolqien ġdid, it-twelid ta' poplu ġdid li għandu jkun sinjal ta' tama għal popli oħra u wkoll għall-umanità kollha.**

F'dan kollu l-Insara jistgħu jaraw il-prefigurazzjoni ta' dak li kien se jagħmel Kristu, jiġifieri l-ħajja ġdida li tiġi bir-rebħa fuq il-mewt, f'ubbidjenza għar-rieda salvifika ta' Alla. **Mill-biċċtejn injam li jiffurmaw is-salib tiegħu, Ġesù jgħaqqadna mill-ġdid ma' Alla; b'din il-ġrajja, l-umanità hi mogħnija b'tama ġdida.** Minkejja d-dnubiet tagħna, minkejja l-vjolenza u l-gwerer tagħna, minkejja l-inegwaljanza bejn l-għonja u l-foqra, minkejja l-abbużli aħna nagħmlu mill-ħolqien, minkejja l-mard u t-tbatija, minkejja d-diskriminazzjoni, u minkejja l-firda u d-diviżjonjiet bejnietna, Ġesù Kristu permezz tad-dirgħajn miftuħa fuq is-salib iħaddan l-umanità kollha u joffrilna s-sliem ta' Alla. F'idejh aħna nsiru ħaġa waħda, għax ninġibdu lejn dak li hu merfugħ fuq is-salib. » *(Mis-Sussidju għall-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara, maħruġ mill-Kunsill Pontifiċju għall-Għaqda fost l-Insara u mill-Kunsill Dinji tal-Knejjes.)*

- Il-Ġrajja tal-Missjoni Djoċesana, permezz taż-Żjajjar li qed isiru fil-familji tagħna, għandha tgħinna inħossuna u nkunu aktar il-Poplu ta' Alla, imsejħa biex nagħmlu mixja kontinwa ta' konverżjoni, filwaqt li nersqu dejjem iżjed lejn Dak li hu merfugħ għalina fuq is-salib.

---

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

*Il-Ħamis 22 ta' Jannar:* It-tielet anniversarju mill-konsagrazzjoni tal-Isqof Mario Grech: Quddiesa ta' Radd il-Ħajr (Knisja Ragħaj it-Tajjeb - 6.00pm).

*Il-Ġimgħa 23 - Ħadd 25 ta' Jannar:* Irtir djoċesan għall-Abbatini (Forms 2-3)

*Is-Sibt 24 ta' Jannar:* Inawgurazzjoni ta' Wirja ta' Arti Sagra dwar San Pawl fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina (Sala Sant'Ursula, Ċittadella Il-Wirja tibqa' miftuħa sal-11 ta' Frar).

*Il-Ħadd 25 ta' Jannar:* Is-56 Jum il-Morda bil-Lebbra (Jum il-Ħansenjani) / Jum iċ-Ċentru Parrokkjali / Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl (Marsalforn)

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu', agħmel li jkolli mumenti ta' intimita' miegħek, ħalli din l-esperjenza timliemi bik u nkun xhud tal-preżenza tiegħek fid-dinja.

gozopress • 21551534




# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

It-2 Ħadd matul is-sena • Sena B • L-40 Sena (2077) • 18 ta' Jannar 2009



L-għada Ġwanni raġa' kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu. Ħares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm, u qal: "Araw il-Ħaruf ta' Alla." Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù. Ġesù dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: "Xi tridu?" Iżda huma staqsewh: "Fejn toqgħod, Rabbi?" - li tfisser Mgħallem. Hu weġibhom: "Ejjew u taraw." U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u dak in-nhar baqgħu miegħu. Kien ħabta ta' l-għaxar siegħa. Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù kien Indrì, ħu Xmun Pietru. L-ewwel ma għamel mar isib lil ħuh Xmun, u qallu: "Sibna l-Messij?" - li tfisser Kristu. U ħadu għand Ġesù. Ġesù ħares lejh u qallu: "Inti Xmun, bin Ġwanni. Inti tissejjaħ Kef?" - jew Pietru. (Gw 1, 35-42)

### *RIFLESSJONI*

- Nagħti widen għal min f'isem Alla jurina lil Ġesu' ?
- Jiena li għaraft lil Ġesu' permezz tat-tagħlim li rċevejt, issa x'qed nistenna minnu?
- Ġie li fittixt li jkolli xi esperjenza speċjali qrib Ġesu'?
- Il-ferħ ta' l-esperjenza tiegħi ma' Ġesu' naqsmu ma l-oħrajn biex anke dawn jinġibdu lejĦ?
- Qudiem l-esperjenza tiegħi ma' Ġesu', nara hux qed jagħmilli xi sejħa speċjali?

*Ejjew u Taraw*